Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2781

4.11.2024

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2781

## tal-31 ta' Ottubru 2024

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 8-idrossikinolina, amminopiralid, ażossistrobin, ir-razza O tal-*Candida oleophila*, klorantraniliprol, flurossipir, imażalil, krežossim-metil, metobromuron, ossifluworfen, ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, teflutrina u terbutilażina

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 993/2011 ([2]) approva s-sustanza attiva 8-idrossikinolina sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 891/2014 ([3]) approva s-sustanza attiva amminopiralid sal-31 ta' Diċembru 2024. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 703/2011 ([4]) approva s-sustanza attiva ażossistrobin sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 373/2013 ([5]) approva s-sustanza attiva ir-razza O tal-*Candida oleophila* sat-30 ta' Settembru 2023. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1199/2013 ([6]) approva s-sustanza attiva klorantraniliprol sat-30 ta' April 2024. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2011 ([7]) approva s-sustanza attiva fluroksipir sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 705/2011 ([8]) approva

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 993/2011 tas-6 ta' Ottubru 2011 li japprova s-sustanza attiva 8-idrossikwinolina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 263, 7.10.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/993/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 891/2014 tal-14 ta' Awwissu 2014 li japprova s-sustanza attiva amminopiralid, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 243, 15.8.2014, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/891/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 703/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li japprova s-sustanza attiva ażossistrobin, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 190, 21.7.2011, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/703/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 373/2013 tat-23 ta' April 2013 li japprova r-razza O tas-sustanza attiva Candida oleophila, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 112, 24.4.2013, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/373/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1199/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li japprova s-sustanza attiva klorantraniliprol, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 315, 26.11.2013, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/1199/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2011 tas-26 ta' Lulju 2011 li japprova s-sustanza attiva flurossipir, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 195, 27.7.2011, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/736/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 705/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li japprova s-sustanza attiva imażalil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 190, 21.7.2011, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/705/oj).

s-sustanza attiva imażalil sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 810/2011 ([9]) approva s-sustanza attiva krežossim-metil sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 890/2014 ([10]) approva s-sustanza attiva metobromuron sal-31 ta' Diċembru 2024. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 798/2011 ([11]) approva s-sustanza attiva ossifluworfen sal-31 ta' Diċembru 2021. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2013 ([12]) approva s-sustanza attiva r-razza Fe 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus* sat-30 ta' Settembru 2023. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 800/2011 ([13]) approva s-sustanza attiva teflutrin sal-31 ta' Diċembru 2021 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 820/2011 ([14]) approva s-sustanza attiva terbutilażin sal-31 ta' Diċembru 2021.

(2) L-approvazzjonijiet rispettivi tas-sustanzi attivi 8-idrossikinolina, amminopiralid, ażossistrobin, ir-razza O tal-*Candida oleophila*, klorantraniliprol, flurossipir, imażalil, krežossim-metil, metobromuron, ossifluworfen, ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, teflutrina u terbutilażina huma inklużi fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([15]).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2592 ([16]) estenda l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva 8-idrossikinolina sal-31 ta' Diċembru 2024.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 ([17]) estenda l-perjodi ta' approvazzjoni rispettivi tas-sustanzi attivi ażossistrobin, flurossipir, imażalil, krežossim-metil, ossifluworfen, teflutrin u terbutilażina sal-31 ta' Diċembru 2024.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 810/2011 tal-11 ta' Awwissu 2011 li japprova s-sustanza attiva krežossim-metil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 207, 12.8.2011, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/810/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 890/2014 tal-14 ta' Awwissu 2014 li japprova s-sustanza attiva metobromuron, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 243, 15.8.2014, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/890/oj).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 798/2011 tad-9 ta' Awwissu 2011 li japprova s-sustanza attiva ossfluworfen, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 205, 10.8.2011, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/798/oj).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2013 tal-24 ta' April 2013 li japprova s-sustanza attiva tar-razza FE 9901 tal-Paecilomyces fumosoroseus, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 113, 25.4.2013, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/378/oj).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 800/2011 tad-9 ta' Awwissu 2011 li japprova s-sustanza attiva teflutrina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 205, 10.8.2011, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/800/oj).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 820/2011 tas-16 ta' Awwissu 2011 li japprova s-sustanza attiva t-terbutilażin, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 209, 17.8.2011, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/820/oj).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/540/oj).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2592 tal-21 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, 2-fenilfenol (inklużi l-imlieħi tiegħu bħall-melħ tas-sodju), 8-idrossikwinolina, amidosulfuron, bifenoks, dikamba, difenokonażol, diflufenikan, dimetaklor, esfenvalerat, etofenproks, fenoksaprop-P, fenpropidin, fenpirażammina, fluważifop P, lenasil, napropammid, nikosulfuron, żjut tal-paraffina, żejt tal-paraffina, penkonażol, pikloram, proeżadjon, spiroksammina, kubrit, tetrakonażol u tri-allat (ĠU L, 2023/2592, 22.11.2023,ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2592/oj).

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/291 tad-19 ta' Frar 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, akrinatrina, ażossistrobina, fluważifop p, fluroksipir, imażalil, krežoksim-metil, ossifluworfen, prokloraż, proeżadjon, spiroksamina, teflutrin u terbutilażina (ĠU L 48, 20.2.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/291/oj).

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2007 ([18]) estenda l-perjodi ta' approvazzjoni rispettivi tas-sustanzi attivi r-razza O tal-*Candida oleophila*, klorantraniliprol u r-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus* sal-31 ta' Diċembru 2024.

(6) L-applikazzjonijiet u d-dossiers supplimentari għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet ta' kull waħda minn dawn is-sustanzi attivi ġew sottomessi f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([19]). Fis-16 ta' Awwissu 2019, fit-23 ta' Mejju 2022, fit-28 ta' Jannar 2019, fil-15 ta' Marzu 2022, fid-29 ta' Lulju 2022, fit-30 ta' Marzu 2022, fil-31 ta' Mejju 2022, fil-11 ta' Ottubru 2023, fid-19 ta' Marzu 2019, fl-10 ta' Awwissu 2022 u fis-27 ta' Lulju 2022 rispettivament, l-Istati Membri relaturi għall-8-idrossikinolina, għall-amminopiralid, għall-ażossistrobin, għar-razza O tal-*Candida oleophila*, għall-klorantraniliprol, għall-flurossipir, għall-krežossim-metil, għall-metobromuron, għall-ossifluworfen, għar-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus* u għat-terbutilażina infurmaw lill-Istati Membri korelaturi, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") li kienu vvalutaw l-ammissibbiltà, b'mod partikolari l-kompletezza u t-tempestività, ta' kull waħda minn dawn l-applikazzjonijiet, u kkonkludew li kienu ammissibbli. Id-dossiers supplimentari għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-imażalil u tat-teflutrina ġew sottomessi permezz tas-sistema ċentrali ta' sottomissjoni fis-16 ta' Diċembru 2021 u fis-17 ta' Frar 2022 rispettivament u l-Istati Membri relaturi qed jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet.

(7) Għas-sustanzi attivi amminopiralid, ażossistrobin, ir-razza O tal-*Candida oleophila*, klorantraniliprol, imażalil, krežossim-metil, metobromuron, ossifluworfen, ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, teflutrina u terbutilażina, il-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1740 għadha ma ġietx iffinalizzata mill-Istati Membri relaturi rispettivi u huwa meħtieġ iktar żmien biex jitlestew il-passi li fadal f'kull proċedura ta' tiġdid.

(8) Għas-sustanza attiva flurossipir, l-Awtorità teħtieġ iktar żmien biex tikkonkludi l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa għas-sustanza, inkluż, meta jkun xieraq, konsultazzjoni pubblika u konsultazzjoni mal-esperti. Huwa meħtieġ ukoll iktar żmien biex il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni li tirriżulta dwar il-ġestjoni tar-riskju.

(9) Għas-sustanza attiva 8-idrossikinolina, l-Awtorità kkomunikat il-konklużjoni tagħha lill-applikant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat rapport ta' tiġdid u abbozz ta' Regolament dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' din is-sustanza attiva lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf. Huwa meħtieġ iktar żmien biex il-Kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu u biex il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni li tirriżulta dwar il-ġestjoni tar-riskju.

(10) Għalhekk huwa probabbli li ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi qabel l-iskadenza tal-perjodi ta' approvazzjoni rispettivi tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2024, u r-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri ta' tiġdid mhumiex fil-kontroll tal-applikanti rispettivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-perjodi ta' approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jitlestew il-valutazzjonijiet meħtieġa u jiġu ffinalizzati l-proċeduri rispettivi dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni.

([18]) Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-kummissjoni (UE) 2020/2007 tat-8 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 f'dak li għandu x'jaqsam mal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-dekanol, 1,4-dimetilnaftalina, 6-benżiladenina, aċekinoċil, Adoxophyes orana granulovirus, sulfat tal-aluminju, amisulbrom, Aureobasidium pullulans (ir-razez DSM 14940 u DSM 14941), ażadiraktin, Bacillus pumilus QST 2808, benalaksil-M, bixafen, bupirimat, ir-razza O tal-Candida oleophila, klorantraniliprol, fosfonat tad-disodju, ditijanon, dodina, emamektin, flubendiammid, fluwometuron, fluksapirossad, flutriafol, eżitijażoss, imazamox, ipkonażol, isossaben, aċidu L-assorbiku, kubrit tal-ġir, żejt tal-larinġ, ir-razza FE9901 tal-Paecilomyces fumosoroseus, pendimethalin, penflufen, pentijopirad, fosfonati tal-potassju, prosulfuron, Pseudomonas sp. ir-razza DSMZ 13134, piridalil, pirjofenon, pirossulam, kinimerak, aċidu S-abxissiku, sedaxane, sintofen, tijosulfat tal-fidda u s-sodju, spinetoram, spirotetramat, Streptomyces lydicus tar-razza WYEC 108, tau-fluvalinat, tebufenożur, tembotrion, tijenkarbażon, valifenalat, fosfidu taż-żingu (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/2007/oj).

([19]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1740/oj).

(11) Għas-sustanzi attivi amminopiralid, ażossistrobin, ir-razza O tal-*Candida oleophila*, klorantraniliprol, imażalil, krežossim-metil, metobromuron, ossifluworfen, ir-razza FE 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, teflutrina u terbutilażina, peress li l-valutazzjoni tar-riskju għadha ma ġietx iffinalizzata mill-Istati Membri relaturi rispettivi u fid-dawl taż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-passi li fadal f'kull proċedura ta' tiġdid, it-tul ta' żmien tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 29 xahar.

(12) Għas-sustanza attiva flurossipir, peress li l-Awtorità teħtieġ iktar żmien biex tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju wara x-xahrejn addizzjonali meħtieġa ħalli tiffinalizza l-konsultazzjoni pubblika skont l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1740, u fid-dawl taż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-passi li fadal fil-proċedura ta' tiġdid, l-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni għal din is-sustanza attiva jenħtieġ li tiġi stabbilita għal 25 xahar u ġimagħtejn.

(13) Għas-sustanza attiva 8-idrossikinolina, peress li l-għoti ta' opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf għadu pendenti, u fid-dawl taż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-passi li fadal fil-proċedura ta' tiġdid, it-tul ta' żmien tal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni għal din is-sustanza attiva jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 12-il xahar.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat kif xieraq.

(15) F'każ li l-Kummissjoni tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx, il-Kummissjoni tiffissa d-data tal-iskadenza fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament jew fl-istess data kif kienet qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, skont liema data tiġi l-aħħar. F'każ li l-Kummissjoni tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli kif ikun xieraq skont iċ-ċirkostanzi.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Il-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 4, Ażossistrobin, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 5, Imażalil, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 8, Krežossim-metil, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(4) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 9, Flurossipir, id-data hija sostitwita bid-data tal-"15 ta' Frar 2027";

(5) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 10, Teflutrina, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(6) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 11, Ossifluworfen, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(7) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 16, Terbutilażina, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(8) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 18, 8-idrossikinolina, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Diċembru 2025";

(9) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 37, ir-razza O tal-*Candida oleophila*, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(10) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 39, ir-razza Fe 9901 tal-*Paecilomyces fumosoroseus*, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(11) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 62, Klorantraniliprol, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(12) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 76, Metobromuron, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027";

(13) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 77, Amminopiralid, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Mejju 2027".